**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111   Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt   Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-8 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 4 ta' Awwissu 2015 fis-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**08/01** **Talba**

**08/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**08/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 7**

**08/02/01** Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**08/03** **Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgha Numru 7**

**08/03/01** **Para 07/03/01:** L-Agent S.E. informa li s'issa daħlet applikazzjoni waħda għall-post ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

**08/03/02** **Para 07/03/02:** Il-laqgha ma TM dwar l-issues pendenti fuq l-immanniġġjar tat-traffiku ser issir dalwaqt.

**08/03/03** **Para 07/03/03:** L-Agent S.E. informa li ghad irid igib l-approvazzjoni tal-Green Procurement Department ghas-sejhiet tal-offerti li hargu.

**08/03/04** **Para 07/03/04:** Kien hemm diskussjoni fuq id-diversi ilmenti li qed jidhlu dwar l-infurzar tal-ligi fil-lokal kif ukoll fuq in-nuqqas ta' preżenza tal-Pulizija fir-rahal fejn l-Ghassa tal-Pulizija qed tkun kwazi dejjem maghluqa u meta tintalab l-assistenza mill-Ghassa tan-Naxxar kemm il-darba nigu infurmati li ma ghandhomx vettura biex jigu l-Gharghur jew ma hemmx Pulizija bizzejjed. Ġie deċiż li tintalab għal-laqgħa mal-AC Martin Sammut. Rigward il-*boundary walls* mibnija minghajr permess fi Vjal ir-Repubblika u Triq San Gwann l-Agent S.E. informa li ser isegwi.

**08/03/05** **Para 07/03/06:** Għandha ssir laqgħa fil- 5 ta' Awwissu 2015 mad-Dipt tax-Xogholijiet rigward il-kostruzzjoni tal-kulvert fi Triq San Ġwann u xogholijiet ohra pendenti.

**08/03/06** **Para 07/03/07:** Is-Sindku informa li Mc Donalds kienu irrifjutaw li jintrabtu li jhallsu ghal servizz ta' tindif fir-rahal pero lesti jikkunsidraw li jiffinanzjaw ix-xiri ta' bins etc. Is-Sindku informa li ser jkompli jiddiskuti maghhom.

**08/03/07** **Para 07/05/09:** L-Agent S.E. informa li ghad irid jikteb dwar il-wires ta' Triq San Gwann.

**08/03/08** **Para 07/06/03:** L-Agent S.E. informa li kiteb lid-DLG dwar il-finanzjament ta' xiri ta' kotba ghall-librerija pubblika.

**08/03/09** **Para 07/07/03:** Rigward il-grawnd tax-Xwieki gie deciz li qabel ma l-Kunsill jikkunsidra talba ghad-devoluzzjoni issir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor Chris Agius halli naraw x'inhuma l-intenzjonijiet tal-Gvern ghal dan il-post.

**08/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**08/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Gie deciz li l-kont numru 21 (Transient Ltd) jithallas meta jigu provduti invoices riveduti.

**08/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**08/05/01** 18115082232637 Talba biex titwaħħal *U-bollard* jew *bollards* ma' dar fi Triq Mons. Luigi Catania kantuniera ma'Triq il-Mitħna. Il-Kunsill innota li qatt ma kien hemm incidenti fuq il-post. Il-Kunsill qabel li jekk TM tapprova li dawn jitwahhlu s-sid jintalab jaghmel dawn ghas-spejjez tieghu.

**08/05/02** 18115077232639 Talba biex tehel tabella fi Triq Giovanni Gafa "Attent għall-Qanfud". Ġie deċiż li din it-talba ma tintlaqax u inkomplu insegwu halli naraw jekk hemmx bzonn li din issir.

**08/05/03** 18115017232640 Talba biex tabella biex isir tindif wara li jhammgu l-klieb fi Triq Sta Marija taz-Zellieqa. Gie innutat li din hemm tabella simili fil-vicinanzi. Ġie deċiż li ssir site visit.

**08/05/04** 18115039232641 Talba biex jitneħħew tabelli u sinjali ohra minn Triq Santa Katerina peress li din issa saret One-way. Gie deciz li din it-talba tintbaghat lil TM peress li huma hadu hsieb li din it-triq issir one-way.

**08/05/05** 1811503232648 Talba biex tehel tabella halli ma jithallix skart fil-Pjazza. Ġie deċiż li din it-talba ma tintlaqax.

**08/05/06** 18115068232596 Talba biex issir linja safra matul Sqaq il-Mitħna u tohrog il-barra lejn residenza jisimha Edelweiss. Gie innotat li diga hemm tabelli fuq il-post li jipprojbixxu l-ipparkjar ta' vetturi kif ukoll hafna drabi huma r-residenti stess li jipparkjar il-vetturi taghhom hemm. Ġie deċiż li din it-talba ma tintlaqax.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


| | |
|---|---|
| **08/05/07** | Talba biex f'parti minn Sqaq il-Hofra ma jithallix issir ipparkjar ta' vetturi ghaliex jostakolaw il-mixi tat-traffiku. Gie deciz li ssir site visit u jekk jinstab li din it-talba hi gustifikata jehlu t-tabelli mehtiega. |
| **08/05/08** | Talba biex fi Triq San Gwann jsiru l-kaxxi tal-parking. Gie deciz li dawn isiru. |
| **08/05/09** | Talba biex fi Triq San Gwann tehel mera halli tghin l-hrug tat-traffiku minn Triq Gargallo. Gie deciz li tinxtara u tehel din il-mera. |
| **08/05/10** | Talba fi Triq Sta Katerina faccata tal-garage tal-VRT titkompla l-linja s-safra. Gie deciz li din it-talba tintlaqa. |
| **08/05/11** | Ilment li fi Triq Stiefnu Zerafa hemm karrozza li ilha ipparkjata ghal hafna zmien. Għandhom jiġi nfurmati l-pulizija jekk taht din il-vettura qed jingabar il-hmieg. |
| **08/05/12** | Is-Sindku issuggerixxa li tehel *U Bollard* fi Triq Stiefnu Zerafa vicin id-dahla tal-grawnd. Gie deciz li din issir. |
| **08/05/13** | Talba biex isiru *double yellow lines* quddiem kumplessi ta' garaxxijiet fi Triq Stiefnu Zerafa. Gie deciz li din it-talba tigi riferuta lil TM. |
| **08/05/14** | Talba biex jitnehhew xitel li gew imhawwla illegalment fi Triq Indipendenza. Gie deciz li dawn jitnehhew. |
| **08/05/15** | Talba biex jitwahhlu traffic humps fi Triq Stiefnu Zerafa. Gie deciz li jigu ikkunsultati r-residenti li joqghodu vicin il-post fejn qed jigu proposti li jehlu dawn il-humps qabel ma jintalab il-permess ta TM. |
| **08/05/16** | Talba biex jehel doggie bin fi Triq San Nikola. Din it-talba giet approvata. |
| **08/05/17** | Talba biex culvert li presentament huma mimli biz-zrar ikompli jimtela bil-konkos. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u innota li jekk dan il-culvert ikompli jimtela hemm ir-riskju li residenza jibda jidholha l-ilma. Is-Sindku ser jiehu hsieb ikellem lis-sid id-dar qabel tittiehed decizjoni finali mill-Kunsill. |
| **08/05/18** | Talba biex Sqaq il-Hofra u t-Triq li twassal ghall-post tan-nar jsir patching bil-konkos. Rigward Sqaq il-Hofra gie deciz li inkomplu nsegwu ma TM peress li x-xoghol hu responsabbilta' tal-Gvern kif ukoll il-Ministru kien weighed li ser jaghmel patching. Rigward it-triq li twassal ghall-post tan-Nar l-Agent S.E. ser ikompli isegwi mal-MAG. |
| **08/05/19** | Talba biex issir ghatba taht bankina vicin ic-cimiterju fi Triq San Gwann. |
| **08 /05/20** | Talba għal issir *Reserved Parking Bay* ohra ghad-*Disabled* fil-pjazza. Din għandha ssir bejn il-ħin is-5.45pm u s-7.00pm. Ġie deċiż li ssir it-talba lil TM kif ukoll nissuggerixxu biex huma jindikaw il-post(zewg nahat tal-Knisja) fejn tista issir. |
| **08/05/21** | Talba biex tehel bozza gdida fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Gie deciz li jinkiseb il-permess tal-Enemalta. |

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**08/05/22** Talba biex fil-jiem tal-festa Malta Public Transport tuza vetturi zghar ghar-rotta tar-rahal. Gie deciz li din it-talba tintbaghat lil TM.

**08/05/23** Talba biex isir *patching* fil-parti t-isfel tat-Triq tal-Ferha u fi Sqaq ic-Cawl. Il-Kunsill qabel li jixtri boroz tal-IRR biex isir dan ix-xoghol.

**08/05/24** Talba biex ghalqa fi Triq Indipendenza titnaddaf minn boroz tal-iskart li gew mitfuha fiha. Peress li din l-ghalqa hi privata gie deciz li jitwahhlu tabelli kif ukoll nitkellmu mas-sid halli dawn il-boroz jitnehhew.

**08/05/25** Talba biex issir *patching* hdejn ir-*roundabout* ta' Triq Stiefnu Zerafa u parti minn Triq Caravaggio. Gie deciz li tintlaqa din it-talba u tinhareg *works order* lid-Dipt. Tax-Xogholijiet.

**08/06** **Korrispondenza**

**08/06/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA. Ġie deċiż li l-Kunsill joggezzjona ghall-izvilupp ta' farm tan-naghag fejn il-Madonna tal-Gebla l-Kbira u ghall-bini ta' garaxxijiet f'bariera fi Triq Ghaxqet l-Ghajn peress li t-tnejn huma proposti fl-ODZ. Dawn huma PA 02602/15 u PA 02806/15. Gie deciz ukoll li l-Kunsill jitlob lil MEPA jinvestigaw jekk ir-radam li qed isir f'Wied Anglu hux skont il-permess tal-MEPA.

**08/06/02** Ġiet innutata Ċirkolari 34/2015 rigward konferenza Proġett Local Sats li ser issir fis-16 ta' Settembru 2015.

**08/06/03** Talba minn resident biex isiru *traffic lights* fi Triq il-Ġnien. Gie innutat li TM ma kinex taw l-approvazzjoni taghhom biex isiru traffic lights. Issa l-Kunsill għandu jibda process biex il-Gvern jikkunsidra li titwessa t-triq.

**08/06/04** Ġiet innutata korripondenza dwar laqgħa tal-pulizija għall-anzjani fiċ-ċentri tal-anzjani tal-Gvern.

**08/06/05** Ġiet innuata korrispondenza mid-DLG rigward Memo 16/2015 – EPPS.

**08/06/06** Ġiet innutata laqgħa ta' informazzjoni għas-Segretarji Eżekuttivi dwar il-European Week for Waste Reduction fil-Wasteserv, Marsaskala.

**08/06/07** Giet innutata korrispondenza mill-Mobile Blood Unit biex din tagħmel sessjoni ta gbir ta demm fil-Għargħur nhar il-Ħadd, 9 ta' Awwissu 2015.

**08/06/08** Ġiet innutata korrispondenza minn TM rigward ħsara li saret fuq crash barrier fi Triq is-Salina. Il-Kunsill innota li din hija fil-konfini tan-Naxxar. Sadanittant il-Kunsill ser jaghmel talba lil Malta Public Transport ghall-hlas lura tal-ispejjez sabiex titranga crash barrier fi Triq Stiefnu Zerafa. Diga sar rapport lill-Pulizija.

**08/06/09** Ġiet innutata korrispondenza rigward finanzjament għal Town Twinning u Network of Towns.

**08/06/10** Ġew innutati laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika rigward Natura 2000 Management Plans fis-7 u fl-10 ta' Awwissu 2015.

**08/06/11** Kien hemm diskussjoni fuq il-kwotazzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni tal-Kunsill. Dan l-ammont huwa ta' €1315.55 Ewro għal sena. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-polza ta' qabel skadiet tliet ijiem qabel u li l-Kunsill kien mingħajr assigurazzjoni. Hu fakkar ukoll li l-ammont huwa għal sena sħiħa u għalhekk l-valur ta' erba' xhur jiġi €438.5 li huma inqas minn €1160 li hu permessibli b'direct order. Il-Vici Sindku qal li hu ihoss li skont ir-regolamenti finanzjarji suppost il-Kunsill johrog avviz pubbliku u jitlob 3 stimi. Ġie deċiż li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni u jinhargu l-Poloz tal-Assigurazzjoni.

Fid-9.15pm il-Kunsill innota li kienu għaddew 3 sigħat mil-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa tkompli għaddejja sakemm jigu ezawriti l-items kollha fuq l-Agenda.

**08/07** **Materji oħra u Mistoqsijiet**

**08/07/01** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li jinbidlu dawn it-tabelli:

tabella Stop fi Triq l-Isqof Gargallo;

tabella No Heavy Vehicles fi Triq Mons Luigi Catania; u

tabella Give Way u Stop fi Triq Carravaggio.

Kien hemm qbil fuq dan.

Talab ukoll biex tinkera skip biex isir it-tindif fi Ġnien il-Paci. Kien hemm qbil din.

Issuġġerixxa wkoll li issir talba lid-Dipt tax-Xogholijiet biex issir spezzjoni u manutenzjoni tal-pont li jaqsam Wied id-Dis. Il-Kunsill qabel ma dan is-suggeriment.

**08/07/02** Is-Sur Carl Grech staqsa jekk il-LEAP jistghux jużaw l-Uffiċċju tal-Kunsill l-antik biex jagħtu servizzi minn hemm. Il-Kunsill ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba pero l-permess jrid jinghata mid-Dipt tal-Artijiet li huma s-sidien tal-post.

Hu informa ukoll li l-Gvern ghandu pjan biex jinfetaħ Day Centre għall-anzjani fil-Għargħur. Hu staqsa jekk il-Kunsill ikunx lest ihallas tal-ispejjez biex jigi provdut servizz ta transport ghall-anzjani. Dettalji tal-ispiza involuta ghadhom mhux maghrufa. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra aktar il-quddiem meta jkollu dettalji tal-ispejjez.

**08/07/03** Kien hemm diskussjoni dwar jekk ghandix issir traffic hump ohra fi Triq l-Indipendenza. Gie deċiż li ma ssirx. Ġie deċiż ukoll li ssir talba lil Maltapost biex issir letterbox oħra fi Triq Carravaggio kantuniera ma'Sqaq il-Qiegħed.

**08/07/04** L-Agent S.E.ipprezenta tlett offerti li l-Kunsill ircieva wara sejha pubblika ghal servizz tal-Perit. Hu ikkomferma li dawn l-offerti kellhom id-dokumenti kollha mehtiega. Il-Kunsill unanimament iddecieda li jaghzel l-irhas offerta tal-Perit Toni Bezzina (ACB. L-Agent SE ser jiehu hsieb johrog ir-*regret letters*, il-*letter of acceptance* u eventwalment l-iffirmar tal-Kuntratt.

**08/07/05** L-Agent S.E. ipprezenta erba offerti li l-Kunsill ircieva wara sejha pubblika ghal servizz tal-qtuh tal-haxix f'zoni rurali. Hu ikkomferma li dawn l-offerti kellhom id-dokumenti kollha mehtiega. Il-Kunsill unanimament iddecieda li jaghzel l-irhas offerta ta Carmel Mifsud. L-Agent SE ser jiehu hsieb johrog ir-*regret letters*, il-*letter of acceptance* u eventwalment l-iffirmar tal-Kuntratt.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**08/07/06** Ġie deċiż li isiru sejħiet pubblici (*tender*) għal servizz ta' knis f'toroq urbani, servizz ta' electrician, servizz ta' accountant, provvista u twahhil ta' tabelli u sinjali tat-toroq, printing tal-fuljett. L-Agent SE ser jiehu li qabel tingieb l-approvazzjoni tal-Green Procurement Department.

**08/07/07** Il-Kunsill approva li s-servizzi extra tal-gbir tal-iskart u l-ftuh tal-latrina pubblika fil-jiem tal-festa. Gie deciz ukoll li jigiebu *mobile toilets* fil-Pjazza u fi Triq Gargallo, is-Sibt u l-Hadd tal-festa.

**08/07/08** Gie deciz li jitranga l-arblu tal-bandiera tal-Kunsill.

**08/07/09** Gie deciz li ssir bibita tal-festa il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2015 u ghaliha jigu mistiedna l-Kunsillieri, l-*istaff* u l-*helpers* tal-Kunsill.

**08/07/10** Is-Sindku ipprezenta stima sabiex jinbena *culvert* fi Sqaq Sofija. Din giet meqjuza gholja hafna u gie deciz li tinhareg *works order* lid-Dipt. Tax-Xogholijiet.

**08/07/11** Is-Sindku ta informazzjoni dwar il-*Boat Party*, l-harga tal-ghada tal-festa u x-xibka tal-bziezaq ghall-festa li kollha ser jigu organizzati mis-SottoKumitat Zghazagh.

**08/07/12** Is-Sindku talab li fuq l-irhama fis-Sala tal-Kommunita' jitnaqqax ismu bhala s-Sindku l-gdid. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

**08/07/13** Gie deciz li jsiru *business cards* lill-Kunsillieri li jridu li jkollhom dawn il-*cards*.

**08/08** **Aġġornament**

**08/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-9.50 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2015 fis-6.00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** | |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |